MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Numru 60005/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Michael Sultana ta' 35 sena, iben missier mhux maghruf u Giovanna Sultana, imwieled 16 ta' April 1972, Pieta`, res. 66, Triq id-Dejqa Valletta detentur tal-karta tal-identia 188572(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Michael Sultana u cioe` talli fit-2 ta' Marzu 2009 naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet li bih inghata l-helsien mill-arrest;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti gie stabbilit illi l-imputat kellu jattendi l-Qorti f'kawza pendenti kontra tieghu fil-gurnata tat-2 ta' Marzu 2009 fil-11.00am u dana quddiem il-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Doreen Clarke. Illi gie stabbilit ukoll illi ghal dik is-seduta huwa ma deherx meta gie imsejjah u fil-fatt il-Qorti sabitu hati ta' disprezz lejn l-awtorita taghha.

Illi madanakollu mill-provi li semghet il-Qorti gie stabbilit illi l-imputat fil-fatt attenda l-Qorti fil-gurnata in kwistjoni izda bi zvista huwa mar f'awla ohra bi zball u mar fl-awla fejn huwa kien gie mressaq bl-arrest.  Fil-fatt huwa vverifika ma l-istaff tal-awla jekk kellux kawza dakinhar u gie infurmat illi kawza kontrih ma kienx hemm u ghalhekk huwa telaq mill-Qorti.

Illi l-Qorti ghalkemm hija tal-fehma illi l-imputat ghandu jaqra r-riferta tan-notifika sewwa u jekk ma jifhimx jghadiha lil xi persuna biex tfehmielu, thoss li dan in-nuqqas in kwistjoni ma hux tali illi jgib konsegwenzi serji. Dan qed jinghad peress illi l-imputat fil-fatt attenda l-Qorti izda fl-awla zbaljata u ghalhekk jidher car illi huwa ma kellu l-ebda intenzjoni illi jikser tali kundizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------